# L-ewwel ċentinarju (1915-2015)

## min-nomina episkopali tal-Arċisqof Furjaniż Dom Mauro Caruana O.S.B. u ċ-ċelebrazzjoni tal-Festa Nazzjonali ta' San Publju fl-1915

**Kitba ta' Dun David Torpiano**

Meta lokalità jkollha storja twila u rikka, sikwit tfeġġ xi okkażjoni biex jiġi ċċelebrat xi anniversarju marbut ma' xi ġrajja mill-imgħoddi. Nistgħu ngħoddu ruħna xxurtjati u kburin li bħala Furjaniżi, għalkemm il-Floriana m'għandhiex iż-żmien li għandhom xi bliet u rħula Maltin oħrajn, għandha storja wisq iżjed rikka u importanti minn ħafna mill-ibliet u l-irħula Maltin.

Din is-sena jixraq li l-lokalità tagħna tfakkar lil wieħed mill-ulied illustri tagħha, l-Arċisqof ta' Rodi u l-Isqof ta' Malta Dom Mauro Caruana O.S.B. li mitt sena ilu ġie nnominat u kkonsagrat bħala Isqof ta' Malta. Aloysius Caruana (kif kien jismu qabel ma sar patri Benedittin) twieled ġewwa l-Floriana nhar is-16 ta' Novembru tal-1867.[1] Huwa studja taħt il-Ġiżwiti Ingliżi ta' Saint Ignatius (f'San Ġiljan) u wara li ħass is-sejħa għall-ħajja monastika, kompla l-istudji tiegħu fl-Abbazija Benedittina ta' Fort Augustus (fejn issieħeb fl-20 ta' Settembru 1884) fl-Iskozja fejn fl-1885 għamel il-professjoni bħala monaku Benedittin filwaqt li ħa l-isem ta' Maurus (Mauro). Fl-1891 ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Hugh Macdonald u wara kompla l-istudji ekkleżjastiċi tiegħu fil-Kulleġġ Sant'Anselmu (illum Pontificio Ateneo Sant'Anselmo) f'Ruma. Meta mar lura fl-Abbazija Benedittina ta' Fort Augustus għal diversi snin kien għalliem tal-Filosofija, tat-Teoloġija u tal-Letteratura Latina. Kien teologu u anki mużiċist tajjeb tant li għal diversi drabi ġie maħtur surmast tal-kant Gregorjan fl-Abbazija ta' Fort Augustus stess. Għal xi snin kien segretarju privat tal-Arċisqof Ambrose Agius O.S.B.,[2] Benedittin ta' nisel Malti mwieled f'Lixandra fl-Eġittu u maħtur Arċisqof titulari ta' Palmyra u Delegat Appostoliku fil-Filippini mill-Papa Piju X fl-1904. Mingħajr ma nidħlu f'dettalji partikolari dwar in-nomina ta' Caruana bħala Isqof ta' Malta, infakkru biss li Dom Mauro Caruana O.S.B. ġie nnominat bħala Isqof ta' Malta mill-Papa Piju X propju nhar it-22 ta' Jannar 1915 u kkonsagrat Isqof fil-Bażilika tant sabiħa ta' Santa Maria in Trastevere ġewwa Ruma nhar l-10 ta' Frar 1915 mill-Kardinal Rafael Merry del Val y Zulueta, Segretarju tal-Istat (sa Awwissu tal-1914) u Segretarju tal-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju

[1] Cf. Alexander Bonnici – Michael Schiavone, *Minn Publju sa Pawlu. L-Isqfijiet ta' Malta, ta' Għawdex u Isqfijiet oħra Maltin*, PIN, Malta 2007, 24.

[2] Cf. Herbert Ganado, *Rajt Malta tinbidel. It-Tielet Ktieb* (1942-1955), Malta [2]1977, 79.



**Mons. Mauro Caruana, Arċisqof ta' Malta mal-Kumitat tas-Soċjetà Fil. Vilhena u dinjitarji oħra**

(1914-1930). Il-Kardinal Merry de Val kien meqjus bħala l-id il-leminija tal-Papa San Piju X. L-Arċisqof Mauro Caruana O.S.B. dam imexxi d-djoċesi ta' Malta sal-ġurnata tal-mewt tiegħu li ġrat nhar id-19 ta' Diċembru 1943 fl-isptar tal-Blue Sisters fejn kien rikoverat. Ġie midfun fil-knisja parrokkjali ta' San Girgor (li waqqaf hu stess) f'Tas-Sliema.[3]

Naturalment nhar it-22 ta' Jannar 1915, il-Furjaniżi ferħu tassew meta raw li iben is-subborg u l-parroċċa ddedikata lil San Publju ġie nnominat Isqof ta' Malta. Bla dubju ta' xejn, mill-ewwel ħasbu biex il-festa titulari ta' San Publju tkun okkażjoni xierqa li fiha mhux biss jiċċelebraw il-festa tal-patrun ta' Malta u l-ewwel ċentinarju tal-istatwa ta' San Publju (li sa dak iż-żmien kienu jaħsbu li nħadmet fl-1815) iżda jiċċelebraw bil-kbir il-ħatra tal-Isqof Furjaniż Dom Mauro Caruana O.S.B. Korrispondent li f'ġurnal lokali ffirma l-kontribuzzjoni tiegħu bis-sigla S.F. ifakkar dan l-ewwel ċentinarju tal-istatwa ta' San Publju u jikteb: "Ghall hecc il Maltin, fis-sena 1815 ghamlu statua ta San Pubbliu, li ghall ġ'miel tahha, hia tasseu monument l'izied ricc li kighed fill Cnisia Arcipretali tal Furiana, u li dina il vara, f'din is-sena seuua, tghalak il 100 sena li saret, li meta tohrog barra cull hatt jitghaxxak biha, ghax izzejjen it-triek min fein tghaddi ghall ġmiel tahha [*sic*]."[4] Mal-ewwel ċentinarju tal-istatwa, il-korrispondent iżid jinnota wkoll il-ferħ tal-Furjaniżi għall-ħatra ta' Dom Mauro u jikteb: "Din is-sena immela il festa geuua u barra seira tcun izjed pompusa bhala Centinarju, u ghall ġdid Isqof, successur ta San Pubbliu, li sejjer jehu parti f'din il-popolari festa tal Maltin [*sic*]..."[5]

Billi l-ingress tal-Arċisqof Caruana fl-Imdina kellu jsir nhar id-19 ta' April 1915, jidher li minn indikazzjonijiet mogħtija mill-Arċisqof stess, il-festa ta' San Publju, li kellha tiġi ċċelebrata bħas-soltu ħmistax fuq l-Għid jiġifieri nhar il-Ħadd 18 ta' April 1915, ġiet posposta għall-Ħadd 25



Il-vara ta' San Publiju kif kienet tkun armata bi kwantità ta' xemgħa tal-konsum mgħotija mid-devoti tal-qaddis

ta' April 1915. Wieħed jista' jikkonferma dan mill-fatt li l-artikli miktuba biex iħabbru x'kellu jsir fil-festa ta' San Publju, jidhru fil-ġurnali wara t-18 ta' April. Dan jindika li l-festa kienet għadha se ssir. Barra minn dan, lejlet l-ingress tiegħu fl-Imdina (jiġifieri fit-18 ta' April), skont tradizzjoni antika l-Arċisqof Caruana kellu jibda l-funzjoni tal-ingress billi jmur jiċċena u jorqod fil-kunvent tal-patrijiet Dumnikani tar-Rabat. Il-fatt li Caruana mexxa l-purċissjoni tal-festa ta' San Publju jindika li l-festa ma setgħetx ġiet iċċelebrata fit-18 ta' April għaliex żgur ma kienx ikun possibbli għall-Arċisqof li jlaħħaq ma' dawn iż-żewġ appuntamenti fl-istess waqt.

Jidher li dik is-sena l-festa kienet partikolarment sabiħa u ppreparata sal-inqas dettall. Artikolist ta' ġurnal lokali jikteb: "Ma hemmx bzonn ta hafna cliem zejjed u nesagirau; biss inghidu li il festa tal Kaddis Malti San Pubbliu, hia l'unica festa popolari ta Malta. Il hlejjak ta nies bdeu jidhru mill'euuel giurnata tat-tridu, u prova ta dan huwa il cbir Tempiu li dejjem mahnuk bin-nies avvoglia din is sena ma chienx hemm giogdifogu (li n-nies tant taghmel ghalieh)

[3] Cf. Bonnici – Schiavone, 25.
[4] S.F., *Il-Festa tal Kaddis Malti Protettur tal Maltin*, f'Malta Taghna (24 ta' April 1915), 2.
[5] *Ibid*.

[*sic*]..."[6] Sebaħ għalhekk nhar il-Ħadd 25 ta' April 1915, nhar il-festa ta' San Publju. Fid-9am il-poplu tal-Furjana flimkien mal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena "bl-istendardi colla marru biex jilkghu lill g'did Iskof Furianis, li appena uasal gie milkuh b'xita ta plausi u ghajjat ta evviva is-successur ta' San Pubbliu, evviva Monsinjur Caruana, imbaghad nehheu iz-zwiemel u uasal mig'bud min dac il-poplu sal bieb tal Cnisia [*sic*]..."[7] Hekk kif daħal fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju, l-Arċisqof ġie milqugħ bil-mużika mmexxija mill-Maestro di Cappella Riccardo Bugeja. Għall-quddiesa solenni, l-Arċisqof assista minn fuq it-tron filwaqt li l-quddiesa ġiet ippresjeduta minn Mons. Cavendish. Il-korrispondent jikteb: "l'Iskof kighed taht it-tron jitghaxxak u jehu pjacir b'dac it-tizjin ta Tempju, tant comodu u sabieh [*sic*]."[8] Wara l-Evanġelju Patri Gundisalv Camilleri O.P. kellu jinseġ il-paniġierku bit-Taljan. Hawnhekk, filwaqt li jfaħħar lill-predikatur, l-artikolista jagħmel nota interessanti u jikteb li: "Is-soltu meta jitla il predicatur tat-Talian, cull hatt johrog il barra; imma din is-sena it-Tempiu izjed intela, biex junura lill'euuel u l'ahhar Iskof u lill bravu Patri Gundisalv, ghax tasseu jimmeritahom [*sic*]."[9]

Il-Furjaniżi ħasbu għall-okkażjoni billi taħt il-portiku tal-knisja lestew palk biex fi tmiem il-quddiesa solenni l-Arċisqof Caruana jkun jista' jitla' fuqu u jbierek bandalora li l-Furjaniżi għamlu bl-arma tiegħu. Din il-bandalora li għadha sal-lum tagħmel parti mit-teżori li jipposjedi l-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena (1874 A.D.), ġiet irrakkmata mis-sorijiet ta' Sant'Ursla tal-Belt u d-disinn tagħha sar minn F.S. Zahra. L-istess disinjatur ddisinja standard li ġie maħdum minn Carmela Portelli mill-Floriana u li għadu wkoll parti mill-wirt tal-Każin Vilhena. Dan l-istandard li jirraffigura l-arma tal-Floriana ġie ppreżentat lejlet il-festa ta' San Publju (24 ta' April 1915) mit-tabib Sir Filippo Sciberras lill-President tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena, il-perit Emmanuele Borg qabel ma l-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena esegwiet il-programm mużikali li matulu kien se jindaqq l-Innu tas-Surmast Hare. Milli wieħed jista' jifhem, forsi anki minħabba li dakinhar tal-festa filgħodu it-temp ma kienx tajjeb u għamlet ukoll xi ftit xita, hekk kif intemmet il-quddiesa solenni tal-festa, l-Arċisqof sejjaħ lill-Furjaniżi u bierek il-bandalora fil-knisja filwaqt li hu kien għadu fuq it-tron li kien jintrama fejn illum hemm il-battisteru. Il-korrispondent jikteb: "fill mument li harget (il-bandalora) kalb dac il poplu li chien hemm barra jistennieha, kalb l'applausi, id-dakk tal kniepel, l'evviva u il marcijiet mit-torok principali tal Furiana [*sic*]."[10]

Mill-knisja arċipetali, l-Arċisqof telaq lejn il-kunvent tal-patrijiet Kapuċċini biex iżurhom. Huma għamlulu laqgħa mill-isbaħ. Wara l-vista lill-patrijiet Kapuċċini, l-Arċisqof kien mistieden f'San Kalċidonju[11] għall-pranzu tal-festa mill-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena. Wara l-pranzu ttieħdu żewġ ritratti. Wieħed mir-ritratti juri lill-Arċisqof bħala President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena flimkien mal-kumitat u ieħor meħud flimkien mal-mistednin l-oħra li kien hemm għall-pranzu. Hekk kif spiċċa l-pranzu, il-Banda Vilhena li kienet qiegħda tagħmel il-marċ tradizzjonali tal-festa magħruf bħala "l-marċ tas-siegħa", waslet quddiem Villa San Calcedonio. Hemmhekk ġie moqri indirizz lill-Arċisqof minn xi membri tal-kumitat u dan ġie wkoll mogħti lill-Arċisqof fuq parċmina ddisinjata mill-istess F.S. Zahra. L-Arċisqof irringrazzja lill-kumitat u lill-Furjaniżi għal dak kollu li kienu għamlu miegħu. L-Arċisqof Caruana kellimhom u qalilhom: "**chif bdejtu il festa tal Kaddis taghna (il Maltin) compluha, u ghoddu lili bhala uihed minncom** [*sic*]."[12] Dan il-kliem jixhed tassew kemm Dom Mauro Caruana O.S.B., minkejja li kien ilu żmien twil nieqes mill-Floriana, kien iħossu tassew iben San Publju, iben Malta u anki iben il-Floriana.

---

[6] S.P., *Il Festa tal-Maltin*, f'Malta Taghna (8 ta' Mejju), 2.

[7] *Ibid.*

[8] *Ibid.*

[9] *Ibid.*

[10] *Ibid.*

[11] Hawnhekk wisq probabbilment il-korripondent qiegħed jirreferi għall-ewwel każin li kellha s-Soċjetà Filarmonika Vilhena, jiġifieri Villa San Calcedonio fiż-żona ta' Balzunetta eżattament quddiem il-ġnien tal-Argotti.

[12] S.P., *Il Festa tal-Maltin*, f'Malta Taghna (8 ta' Mejju), 2.

Fis-6pm mbagħad l-Arċisqof wasal fil-knisja arċipretali biex imexxi l-purċissjoni tal-festa. Il-purċissjoni damet siegħa u nofs u hekk kif l-istatwa ta' San Publju waslet taħt il-portiku tal-knisja, l-Arċisqof Caruana ntona t-*Te Deum*. Il-kant ta'dan l-innu ta' radd-il ħajr lil Alla ġie kantat wisq probabbilment minħabba l-ewwel ċentinarju tal-istatwa ta' San Publju. Hekk kif spiċċa t-*Te Deum* ir-reffiegħa daħlu bl-istatwa fil-knisja waqt li bħas-soltu bdiet titkanta l-Antifona *O Melitae*. Bil-barka sagramentali ġiet fi tmiemha l-festa ta' San Publju. Fl-aħħar tal-artiklu, il-kontributur ifaħħar lill-Arisqof u jikteb: "Prosit lill Monsinjur Isqof ta l'impenn li uera bhala successur ta San Pubbliu....prosit l'Arcipriet Mallia, prosit il Cumitat li tant habrec ghall din il festa biex irnexxiet hekk pompusa, u prosit ucoll l'incarigati li giabru biex ghamlu dac it-tizjin [*sic*]."[13]

Jalla dawn il-ftit dettalji dwar il-figura tal-Arċisqof Furjaniż Dom Mauro Caruana O.S.B. ikomplu jgħinu biex toħroġ dejjem iżjed fil-



**L-Abbazzija Benedittina ta' Fort Augustus fl-Iskozja**

beraħ ir-rabta li huwa kellu ma' art twelidu u mal-Floriana. Sfortunatament maż-żmien il-memorja ta' din ir-rabta kważi intesiet anki minħabba l-fatt li missirijietna ftit li xejn ħasbu kif jistgħu jħallu l-memorja ta' dan il-personaġġ ħajja, speċjalment fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju. Nittamaw li fil-futur joħorġu iżjed fatti li jkomplu jikkonfermaw il-qima li dan l-Arċisqof kellu lejn San Publju u r-rabta u l-imħabba li kellu lejn il-Floriana.

[13] *Ibid.*, 3

GAUCI BORDA
MARINE | DIY | FLAGS
53 Msida Road, Yacht Marina, Gzira
Tel: 2133 4255, 21 31 3748
Email: npace@gauciborda.com
Web: www.gauciborda.com
Follow us on facebook
https://www.facebook.com/GauciBordaCoLtd